**<u>Nru. 1406</u>**

**<u>DISKORS TAL-ONOR. JOHN DALLI, MINISTRU GĦALL-POLITKA SOĊJALI WAQT LAQGĦA TAL-KUNSILL EPSCO BIT-TEMA *'PROPOSAL FOR A COUNCIL DIRECTIVE ON IMPLEMENTING THE PRINCIPLE OF EQUAL TREATMENT BETWEEN PERSONS IRRESPECTIVE OF RELIGION OR BELIEF, DISABILITY, AGE OR SEXUAL ORIENTATION'*</u>**

Malta tixtieq tirringrazzja lill-Presidenza Franċiża talli organizzat dan id-dibattitu daqshekk importanti.

Malta tikkonsidra li din il-Proposta għandha implikazzjonijiet wiesa' ħafna li jirrikiedu ħafna preparamenti u ppjanar bir-reqqa, kif ukoll perijodu twil għall-adattament kulturali.

Għalkemm f'Malta għadna fi-stadju ta' konsultazzjoni dwar din il-proposta, nistgħu ngħidu li tappoġġja l-għanijiet warajha, anke jekk inħossu illi l-proposta hija prematura. Dan għaliex jeżistu diversi aspetti relatati mal-interpretazzjoni u t-transpożizzjoni tad-direttivi anti-diskriminatorji eżistenti, li l-Istati Membri għadhom mhux ċari dwarhom u/jew li għad m'għandhomx biżżejjed esperjenza tagħhom.

Għalhekk, aħna nemmnu li qabel ma napprofondixxu d-diskussjonijiet, hu essenzjali li tiġi stabbilita ċertezza legali permezz ta' terminoloġija preċiża u demarkazzjoni aktar ċara tal-kompetenzi.

L-analiżi preliminari tagħna tindika li l-approċċ wiesa' tal-proposta jirrikiedi leġiżlazzjoni ġdida u kumplessa. Barra minn dan, huma meħtieġa kampanji edukattivi u pubbliċitarji qawwija biex iħejju liċ-ċittadini Ewropej għall-implikazzjonijiet soċjali ta' din il-proposta.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, Malta hija tal-fehma li l-perijodu ta' implimentazzjoni ta' sentejn huwa qasir u għalhekk nemmnu li għandu jkun hemm introduzzjoni aktar bil-galbu, gradwali u fit-tul.
Irridu nżommu livell għoli ta' ambizzjoni, madankollu, irridu fl-istess waqt inkunu wkoll realistiċi. Inħoss illi għandna niżguraw li l-obbligi proposti jkunu proporzjonali mal-miri li rridu nwettqu.

Irid ikun żgurat li ma nintroduċux inċertezzi legali bl-użu ta' lingwaġġ ġdid, possibilment ekwivoku, partikolarment f'oqsma ta' kompetenzi nazzjonali li huma sensittivi, bħall-edukazzjoni u l-liġi tal-familja. In fatti, nemmnu li t-test propost mhuwiex ċar biżżejjed u li għalhekk dan ma jagħtix livell għoli ta' garanzija li d-Direttiva mhux ser tolqot oqsma ta' kompetenzi nazzjonali.

Malta temmen bil-qawwa kollha li l-proposta m'għandha bl-ebda mod tippreġudika l-prattiki nazzjonali fl-Istati Membri fir-rigward tal-istat taż-żwieġ jew tal-familja kif ukoll id-drittijiet sesswali u riproduttivi, anke fejn dawn il-prattiki ma jsibux espressjoni fil-liġi nazzjonali.

Aħna nirrikonoxxu li l-persuni b'diżabilità għandhom neċessitajiet speċifiċi biex effettivament jiġu żgurati d-drittijiet indaqs.

F'Malta, għamilna progress konsiderevoli fil-qasam tad-diżabilità. Madankollu, dejjem ħadna approċċ realistiku.

L-implikazzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi tal-proposta fl-artikolu 4 m'għandhomx jiġu injorati, partikolarment għall-intrapriżi ż-żgħar.

Għalhekk, naħsbu li, qabel xejn, kunċetti bħal "*provduti b'anteċipazzjoni*", "*akkomodazzjoni raġonevoli*" u "*piż sproporzjonat*" iridu jiġu kkjarifikati aktar fit-test sabiex jigi ddeterminat eżattament xi jfissru f'termini ta' implimentazzjoni.

Malta ssostni ukoll li kif maħsub fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Persuni b'Diżabilità, għandna f'din id-Direttiva ukoll nimmiraw lejn 'twettiq progressiv' f'dan il-qasam, li jkun jagħti lok għal tibdil gradwali f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

Nagħlaq billi nenfasizza l-importanza li fin-negozjati tagħna, inżommu dejjem f'moħħna r-realtajiet differenti fl-Istati Membri. Huwa imperattiv li d-Direttiva ma tkunx preskrittiva żżejjed u li jkunu rrispettati l-prinċipji ta' proporzjonalità u sussidjarjetà.

**DOI – 02.10.2008**